MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2012

Numru. 689/1998

**IL-PULIZIJA**
**SUPRITENDENT SILVIO VALLETTA**

**KONTRA**

**KHALIL ZINA ta' 37 sena, iben Marwan u Rada nee' Bitar, imwieled il-Kuwait nhar is-7 ta' Lulju, 1974, residenti fil-fond 23, Angela, Antonia Sciortino Street, Msida, detentur ta' passaport Malti 465226;**
**U DAVID VASSALLO ta' 32 sena, iben Emanuel u Bridget nee' Pichard, imwieled Tal-Pieta' nhar l-10 ta' Mejju, 1980, residenti fil-fond 5, Fatima Flats, St Louis Street, Msida, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 444680M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **Khalil Zina** u **David Vassallo** li gew akkuzati talli:

1. F'xi hin bejn il-hamsa ta' wara nofsinhar u d-disgha ta' fil-ghaxija ta' nhar it-8 ta' Lulju, 1998, ikkommettew flimkien ma' persuna ohra, serq ta' flus kontanti minn appartament bin-numru 9, sitwat f'Bishop Caruana Street, l-Imsida, ghad-detriment ta' sid l-appartament John Fitz mill-Imsida, liema serq huwa aggravat bil-mezz, valur li jeccedi l-mitt lira Maltin (Lm100.00) izda ma jeccedix l-elf lira Maltin (Lm1,000.00), bil-lok, u bil-persuna.

Rat li fl-interrogatorju l-imputati t-tnejn wiegbu li ma kinux hatja ta' l-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghhom.

Rat l-atti kollha tal-kawza. Senjalament rat ukoll l-atti ta' Inkjesta Magisterjali fejn hemm xehdu xhieda li taw dawl fuq dan ir-reat in dezamina. Senjalament xehdu wkoll f'dawn l-atti certu Robert Xuereb u Amante Spiteri.

Robert Xuereb xehed illi hu kien rieqed fid-dar derubata ta' John Fitz gewwa l-Imsida. Qal illi kien rieqed fil-kamra tas-sodda ta' John Fitz, qam ghax sema' xi storbju u nies jitkellmu, sema' bieb jinstabat bis-sahha. Qam u ra hafna taqlib, kollox ma' l-art. Qal illi qam jittawwal minn got-tieqa (li per parentesi mix-xhieda ta' l-Ex Spettur Mario Bonnici taghti ghal gol-bitha), minn go din it-tieqa ra lil Amante, ra lil wiehed David maghruf bhala x-Xemx - hawn indika lill-ko-imputat David Vassallo. Qal pero li Zina (Khalil il-ko-imputat) ma rahx. Qal pero li ghalkemm ma semghux, sema' lehnu li skondtu kien jaghraf sew. Kien cert minn lehnu ghax kien jitkellem mieghu u kien jaghrfu. Ftakar li sema' d-diskors jinghad li kellhom joqoghdu attenti kif johorgu biex ma jarahom hadd. Dan id-diskors skondtu qalu Zina.

Minn naha tieghu Amante Spiteri kkonferma li l-kawza tieghu relatata kienet definittivament konkluza. Ammetta li kellu nvolviment f'dawn ir-reati in dezamina. Qal illi hu kien gie avvicinat minn Kenneth, Zina li beda joffendieh bil-lejl, ikellmu hazin. Kompla dwar dak li gara fit-8 ta' Lulju, 1998. Iltaqa' ma' David ix-Xemx. Marru t-tnejn hdejn

Kenneth iz-Zina hdejn il-Monument ta' l-Imsida. Qal illi minn hemm marru l-flat ta' John Fitz biex jisirquh. Qal illi kienu hu, ix-Xemx David, u z-Zina (folio 74). Kien hemm ukoll certu Joseph Pablo, li mieghu kellu erba' tfajliet. Saq il-van dan Joseph Pablo. Xehed illi l-idea li jisirqu kienet bejniethom. Xehed illi meta waslu hdejn John Fitz, Zina ta daqqa ta' sieq lill-bieb, dan kif kien jurihom l-istess John Fitz kif kien jinfetah il-bieb. Skondtu kien Kenneth Zina li ta daqqa ta' sieq lill-bieb. Xoghol dan ix-xhud kien li joqghod ghassa. Qal illi hu dahal fil-bitha u qaghad hemm. Qal illi l-ohrajn qabdu jfittxu, cioe' David u Kenneth. Hu qaghad ghassa. Qal illi huma sabu l-flus. Qal illi fil-kamra tas-sodda rieqed ma ra lil hadd, pero hu hemm ma dahalx. Qal illi David Vassallo hareg b'mazz flus f'idu. Baqa' nsistenti li dan il-mazz flus inqasam bejn David u Zina, u li hu ma ha xejn minnhom. Ikkonferma wkoll illi Zina kien heddu biex ma jikxfux mal-pulizija.

John Fitz xehed illi ghalih is-serqa kienet saret x'hin flimkien ma' Pablo, Zina mar ghal xi cwievet mill-flat tieghu. Ikkonferma li bhala flus insterqulu s-somma ta' Lm900.00. Ikkonferma li hu gieli kien johrog flus quddiem Zina u Amante Spiteri. Ikkonferma wkoll fix-xhieda tieghu li Robert Xuereb kien bniedem li kien jorqod hafna u fil-fond.

Minn naha tieghu Sean Fitz (iben John Fitz) qal illi kien gie nfurmat li kienet saret serqa fil-fond 9, Bishop Caruana Street, fejn kien joqghod hu ma' missieru John. Meta dahal fil-fond sab video camera mkissra, u naqsulu flus (skondtu tieghu u ta' missieru). Ikkonferma li Robert Xuereb kien rieqed f'dan il-fond, dan pero mhux ghax rah imma ghax kienu tawh permess hu u missieru li jorqod hemm. Qal ukoll illi David (il-ko-imputat) kien fil-fatt joqghod fuq il-flat taghhom. Dwar Zina kkonferma li dan kien beda jahdem mieghu u ma' missieru, xoghol ta' taxis. Qal illi bil-kunsens ta' missieru John Fitz, dan anke kien jidhol fil-fond misruq. Qal ukoll illi missieru quddiem dan Zina kien johrog il-pagi dovuti lill-impjegati tieghu. Dan kien jaghmlu anke hu – li kien johrog il-flus tal-pagi mill-kexxun jew mill-cupboard tal-gwardarobba. Qal illi Zina qabel is-serqa kien ilu jahdem maghhom circa tlitt gimghat

ghal xahar. Zied illi l-camera li nkisret kienet tiswa Lm800.00.

Joseph Peplow li xehed ukoll fl-Inkjesta (folio 53 et seq ta' l-istess) qal illi John Fitz kien baghatu ghac-cavetta l-flat tieghu, cavetta ta' vettura stante li hu kien jahdem xufier mieghu. Qal illi nizel wiehed samrani jgib din ic-cavetta mill-flat ta' Fitz. Dan ikkonfermatu wkoll ix-xhud Jessica Zammit li kkonfermat li kien Zina li nizel fil-flat biex igib ic-cavetta. Dan gie kkonfermat ukoll minn Amanda Borg ukoll passiggiera maghhom.

Illi maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni, id-Difiza ghal tul ta' zmien qatt ma gabet ebda provi.

Ghalhekk din il-Qorti halliet il-kawza ghat-trattazzjoni. Ordnat ukoll li tigi ezebita fedina penali aggornata.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti, jirrizulta fl-opinjoni ta' din il-Qorti, li certament Zina kien jaf sew l-ambjent tal-flat ta' Fitz, tant illi anke kien jidhol hemm biex igib ic-cwievet tal-karozzi. Amante Spiteri li gia' kellu l-kawza tieghu li ghaddiet in gudikat, pogga z-zewg imputati sew fl-involviment taghhom fir-reat. Robert Xuereb kien kategoriku lil min gharaf, allavolja waqt is-serqa baqa' rieqed, pero gie mqajjem minn hoss, ghalih ta' bieb u gharaf lill-malviventi. Xejn izjed m'ghandha x'izzid il-Qorti, hlief li ssib lil David Vassallo u Khalil Zina hatja ta' l-akkuzi kif migjuba kontra taghhom, wara li rat l-Artikolu 261, 263, 267, 278, u 279 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

In vista' tal-fedina penali taghhom, ezebita fi zmien ir-reat, qieghda tikkundannahom ghal sena u nofs piena karcerarja sospiza ghal tlitt snin, u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ma tistax tapplika l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu l-ispejjez mhumiex kwantifikati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------